



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5604/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0013(NLE)

TRANS 26

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Jannar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 26 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-Ħidma ta' Ekwipaġġi ta' Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali bit-Triq (AETR) u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 26 final.

Mehmuż: COM(2021) 26 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2021
COM(2021) 26 final

2021/0013 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-Ħidma ta' Ekwipaġġi ta' Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali bit-Triq (AETR) u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq (AETR) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1) tan-NU/KEE b'rabta mal-emenda prevista għall-AETR, għall-inklużjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar it-takografu intelliġenti fil-Ftehim.

Wara d-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2020/1054¹, li jinkludi regoli riveduti dwar it-takografu, huwa neċessarju li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-dawl tas-sessjonijiet li jmiss tal-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR u tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1) tan-NU/KEE.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. L-AETR

Il-Ftehim Ewropew dwar il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq (AETR) għandu l-għan li jarmonizza l-qafas leġiżlattiv tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim fir-rigward tal-ħinijiet ta' sewqan u ta' mistrieħ għas-sewwieqa professjonali, kif ukoll ir-rekwiżiti tekniċi korrispondenti għall-kostruzzjoni u l-installazzjoni tat-takografu. L-AETR daħal fis-seħħ fil-5 ta' Jannar 1976. Sussekwentement ġie emendat, l-aktar reċenti fl-20 ta' Settembru 2010.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Ftehim.

2.2. Il-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR u l-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq

Il-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR huwa grupp tekniku u informali li ġie stabbilit mill-Kumitat tat-Trasport Intern tan-NU/KEE bl-għan li jiżviluppa proposti għal emendi fil-Ftehim.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1) huwa grupp stabbilit mill-Kumitat tat-Trasport Intern, li jippromwovi l-iżvilupp u l-faċilitazzjoni tat-trasport internazzjonali bit-triq, billi jarmonizza u jissimplifika r-regoli u r-rekwiżiti relatati mat-trasport bit-triq.

L-adozzjoni formali ta' proposti għall-emendar tal-AETR issir skont l-Artikolu 21 tal-Ftehim, li jgħid li kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tipproponi emendi għall-Ftehim. Il-proposti jridu jiġu ppreżentati lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Wara dan, il-Partijiet

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (ĠU L 249, 15.7.2020, p. 1).

Kontraenti għandhom perjodu ta' sitt xhur biex joġġezzjonaw kontra l-proposta. Il-proposta titqies li ġiet adottata jekk l-ebda Parti Kontraenti ma toġġezzjona għal dawk l-emendi.

Fil-prattika, il-proposti kollha għall-emendar tal-AETR huma l-ewwel diskussi u miftiehma fl-SC.1, qabel ma l-emendi jiġu ppreżentati lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti minn waħda mill-Partijiet Kontraenti. Meta l-proposta tikkonsisti f'emendi għall-Appendiċijiet 1, 2 jew 3 tal-Anness tal-Ftehim, jew għall-Artikoli introduttorji tal-Appendiċi 1B tal-Ftehim, il-proposta teħtieġ l-adozzjoni mill-SC.1 b'maġġoranza sempliċi tal-Partijiet Kontraenti preżenti u votazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 22, fl-Artikolu 22 *bis* u fl-Artikolu 22 *ter* tal-Ftehim.

2.3. Ħtieġa għal Deċiżjoni tal-Kunsill

Il-pożizzjoni tal-UE stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1877² inkludiet l-elementi li ġejjin:

- It-tħassir tal-Artikolu 22*bis* tal-AETR li jipprevedi l-applikazzjoni awtomatika tal-ispeċifikazzjonijiet tat-takografu għall-AETR, u s-sostituzzjoni tiegħu bil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 22 tal-Ftehim. Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 22 tkun emendata xi ftit biex ikun evitat li l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tat-takografu jkunu jistgħu jiġu opposti minn terz biss tal-Partijiet Kontraenti;
- Emenda tal-Artikolu 14 tal-Ftehim biex jippermetti l-adeżjoni tal-UE fil-Ftehim;
- Emenda tal-Artikolu 10 tal-Ftehim biex tiġi inkluża referenza għar-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u għall-Anness 1C tar-Regolament (UE) 2016/799⁴ li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu intelliġenti.

Barra minn hekk, fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2018/1926⁵ dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar l-implimentazzjoni ta' TACHOnet mill-Partijiet Kontraenti għall-AETR mhux tal-UE, abbażi tat-teknoloġija "e-Delivery".

Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita pożizzjoni ġdida tal-UE fid-dawl tal-laqgħat li jmiss tal-Grupp

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1877 tas-17 ta' Ottubru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-Ħidma ta' Ekwipaġġi ta' Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali bit-Triq (AETR), u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq, tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (ĠU L 288, 22.10.2016, p. 49).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 tat-18 ta' Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi u l-komponenti tagħhom (ĠU L 139, 26.5.2016, p. 1).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1926 tat-19 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (ĠU L 313, 10.12.2018, p. 13).

ta' Esperti dwar l-AETR u tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq ta' Frar 2021 u ta' Ottubru 2021, rispettivament. Din il-pożizzjoni l-ġdida trid tikkunsidra d-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR sa minn Ottubru 2016 u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2020/1054 fl-20 ta' Awwissu 2020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ li jemenda r-Regolament(UE) Nru 165/2014 dwar it-takografu.

Ir-Regolament (UE) 2020/1054 jipprevedi li l-pożizzjoni tal-vettura għandha tiġi rreġistrata awtomatikament, b'mod partikolari kull darba li l-vettura taqsa il-fruntiera ta' Stat Membru u meta l-vettura twettaq attivitajiet ta' tagħbija jew ħatt. Dawn ir-rekwiżiti l-ġodda jagħmlu neċessarju l-iżvilupp ta' verżjoni ġdida tat-takografu intelliġenti ("verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti") li se jkollu jiġi installat f'vetturi rreġistrati ġodda mhux aktar minn sentejn wara l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mill-Kummissjoni, jiġifieri sa mhux aktar tard minn Awwissu 2023. Barra minn hekk, il-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti se jkollha titwaħħal mhux biss f'vetturi rreġistrati ġodda, iżda wkoll fil-vetturi kollha involuti fit-trasport internazzjonali, sa mhux aktar tard minn tliet snin minn tmiem is-sena tad-dħul fis-seħħ tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-vetturi mġhamra b'takografu analoġu u b'takografu diġitali b'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, kif emendat bir-Regolament (UE) 2020/1054, u mhux aktar tard minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-vetturi mġhamra b'takografu intelliġenti kif imsemmi fl-Artikolu 3(4)a tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, kif emendat bir-Regolament (UE) 2020/1054. Dawn l-iżviluppi fil-liġi tal-UE jeħtieġ li jkunu riflessi fid-diskussjonijiet fl-AETR.

3. SITWAZZJONI ATTWALI – IL-PROGRESS TAN-NEGOZJATI

3.1. L-implimentazzjoni tat-takografu intelliġenti mill-AETR

Mill-2016 ma kienx possibbli li jsir progress fir-riforma tal-qafas istituzzjonali tal-Ftehim, b'mod partikolari l-emenda tal-Artikolu 14 li tippermetti l-adeżjoni tal-UE fil-Ftehim u l-emenda tar-regoli ta' adoxxjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tat-takografu fl-Artikolu 22. Dawn l-aspetti s'issa ma kinux aċċettati mill-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim mhux tal-UE.

Madankollu, il-Partijiet Kontraenti kollha għall-Ftehim, inklużi l-Istati Membri, jaqblu dwar il-ħtieġa li jinkludu kemm jista' jkun malajr l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu intelliġenti fil-Ftehim għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, il-Partijiet Kontraenti għall-AETR mhux tal-UE jenħtieġ li jikkonformaw mal-istess standards tal-ogħla livell tal-UE fir-rigward tal-kontroll tal-attività tas-sewwieqa, permezz tal-implimentazzjoni tal-verżjoni l-aktar avvanzata tat-takografu. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġi nnutat li l-vetturi rreġistrati fl-UE minn Ġunju 2019 ikunu mġhamra b'takografu intelliġenti u li l-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti se tiġi implimentata fi trakkijiet u xarabankijiet irreġistrati ġodda ta' aktar minn 3,5 tunnellata sa mhux aktar tard minn Awwissu 2023 f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1054 bħala parti mill-Pakkett dwar il-Mobilità I. It-tieni nett, sakemm l-ispeċifikazzjonijiet tat-takografu intelliġenti jiġu inklużi fil-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti għall-AETR mhux tal-UE jistgħu fil-prinċipju jipprojbixxu l-aċċess ta' vetturi rreġistrati fl-UE u mġhamra b'takografu intelliġenti għat-territorji tagħhom.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 1).

Mill-2018, id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR għalhekk iffukaw fuq l-inklużjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu intelliġenti fil-Ftehim. Għalhekk, intlaħaq fehim komuni dwar l-ispeċifikazzjonijiet tat-takografu intelliġenti u l-forma li biha jenħtieġ li jiġu inklużi fil-Ftehim.

B'riżultat ta' dan il-fehim komuni, fit-8 ta' April 2020, f'isem l-UE, il-Kroazja indirizzat lis-Segretarjat tan-NU/KEE, sottomissjoni formali għall-inklużjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu intelliġenti fil-Ftehim. Din is-sottomissjoni formali hija bbażata fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif adottati mill-Kummissjoni fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/799, soġġett għal numru limitat ta' adattamenti għall-kuntest tal-AETR:

- Sostituzzjoni tat-termini "Stati Membri" u "tagħmir ta' reġistrazzjoni" minn "Partijiet Kontraenti" u "apparat ta' kontroll", rispettivament;
- Il-possibbiltà li tiġi limitata, skont il-liġijiet nazzjonali attwalment fis-seħħ, l-enerġija ta' trażmissjoni tad-DSRC (komunikazzjonijiet dedikati fuq medda qasira) u d-*data* mxandra permezz tal-interfaċċja tal-ITS;
- Sostituzzjoni tar-referenzi kollha għal-leġislazzjoni tal-UE b'referenzi internazzjonali li għandhom l-istess kontenut, bħar-Regolamenti tan-NU/KEE.

Barra minn hekk, l-istandards EN imsemmija fl-ispeċifikazzjonijiet tat-takografu jenħtieġ li jiġu sostitwiti bl-istandards ISO fi żmien ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-ispeċifikazzjonijiet tat-takografu intelliġenti fl-AETR.

Ebda mill-modifiki msemmija hawn fuq ma hija se taffetwa l-interoperabbiltà tat-takografu intelliġenti u tal-komponenti tiegħu.

3.2. Id-data tal-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tat-takografu intelliġenti

Filwaqt li nkiseb progress sostanzjali fid-diskussjonijiet dwar is-sustanza tal-ispeċifikazzjonijiet tat-takografu intelliġenti, għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar id-data meta dawn l-ispeċifikazzjonijiet jenħtieġ li jsiru obbligatori għall-Partijiet Kontraenti għall-AETR mhux tal-UE. Il-Federazzjoni Russa titlob perjodu tranżitorju ta' erba' snin li jibda mid-dħul fis-seħħ tal-emenda rilevanti għall-Ftehim, jiġifieri l-istess perjodu bħal dak għall-applikazzjoni tal-verżjonijiet preċedenti tat-takografu mill-Partijiet Kontraenti għall-AETR.

Tali perjodu tranżitorju jtaqqwaw iż-żmien b'mod konsiderevoli tal-implimentazzjoni tat-takografu intelliġenti mill-Partijiet Kontraenti għall-AETR mhux tal-UE. Jekk jintlaħaq ftehim dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu intelliġenti u dwar id-data tal-applikazzjoni tagħhom fil-laqgħa tal-SC.1 f'Ottubru 2021, meta wieħed jikkunsidra ż-żmien meħtieġ għas-segretarjat tal-Grupp ta' Esperti biex iħejji l-fajl għall-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet u l-proċedura ta' adoxxjoni ta' sitt xhur stabbilita fl-Artikolu 22 tal-Ftehim, huwa mistenni li l-ispeċifikazzjonijiet ma jiġux adottati u inklużi fil-Ftehim qabel Ġunju 2022. Jekk l-ispeċifikazzjonijiet isiru obbligatori erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda, il-Partijiet Kontraenti għall-AETR mhux tal-UE ikollhom jibdew jinstallaw it-takografu intelliġenti f'vetturi rreġistrati ġodda fit-territorju tagħhom mhux qabel Ġunju 2026, jiġifieri madwar 7 snin wara l-UE.

4. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-inklużjoni tal-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti fil-Ftehim se tikkontribwixxi għal infurzar aħjar tar-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ fiż-żona tal-AETR permezz ta' pożizzjonijiet addizzjonali tal-vettura li tkun qed tiġi rreġistrata fit-takografu. Meta wieħed iqis li l-vetturi kollha rreġistrati fl-UE se jkollhom jiġu mġhammra bil-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti fl-2025⁷, l-inklużjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti fil-Ftehim se tevita wkoll sitwazzjoni fejn vetturi mġhammra b'żewġ verżjonijiet differenti tat-takografu intelliġenti jkomplu jiċċirkolaw għal perjodu twil ta' żmien fit-territorju tal-UE.

Meta wieħed iqis li l-vetturi rreġistrati għall-ewwel darba fl-UE se jkollhom jiġu mġhammra bil-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti minn madwar nofs l-2023 'il quddiem, l-UE tista' taċċetta li l-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti tkun installata f'vetturi rreġistrati għall-ewwel darba fil-Partijiet Kontraenti għall-AETR mhux tal-UE, qabel it-tmiem tal-2025. Jista' jingħata perjodu tranżitorju addizzjonali ta' sentejn lill-Partijiet Kontraenti għall-AETR mhux tal-UE biex jinstallaw il-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti fil-vetturi kollha involuti fl-operazzjonijiet tat-trasport fit-territorju tal-UE, jiġifieri sa mhux aktar tard minn tmiem l-2027.

Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat il-funzjonalitajiet ewlenin tal-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti, kif ukoll l-emendi li huma mistennija li jsiru fl-ispeċifikazzjonijiet li ġew ippreżentati lis-segretarjat tan-NU/KEE f'isem l-Unjoni fit-8 ta' April 2020 (speċifikazzjonijiet li jikkorrispondu għall-verżjoni 1 tat-takografu intelliġenti). Abbażi tal-att ta' implimentazzjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni fl-2021, l-UE se tippreżenta fi stadju aktar tard lill-AETR - probabbilment fil-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR ta' Ottubru 2021 - appendiċi tekniku rivedut (Appendiċi 1C) bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti li għandhom jiġu inklużi fil-Ftehim.

Barra minn hekk, xi aspetti tal-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE stabbilita fid-Deċizzjoni (UE) 2016/1877 jeħtieġ li jiġu mmodifikati. Fejn għandu x'jaqsa l-Artikolu 22 tal-Ftehim, il-pożizzjoni tal-UE stabbilita fid-Deċizzjoni (UE) 2016/1877 tipprevedi proposta f'isem l-Unjoni għal emendi f'dak l-Artikolu biex, fost l-oħrajn, jipprovdu li l-emendi għandhom jiġu aċċettati jekk mhux aktar minn nofs l-amministrazzjonijiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti jinnotifikaw lis-Segretarju Ġenerali bl-oġġezzjoni tagħhom għall-emendi, filwaqt li l-AETR attwalment jistabbilixxi li terz tal-Partijiet Kontraenti jistgħu jopponu emenda. L-emenda ssuġġerita mill-UE kienet opposta bil-qawwa mill-Partijiet Kontraenti għall-AETR mhux tal-UE. Għalhekk, l-ebda bidla ma hija proposta aktar għall-proċedura attwali tal-Artikolu 22.

Barra minn hekk, u wkoll b'rabta mal-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE stabbilita fid-Deċizzjoni (UE) 2016/1877, wara diskussjonijiet fil-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR, ma jidhirx aktar neċessarju li jitħassar l-Artikolu 22 *bis* tal-Ftehim li se jkompli japplika għall-verżjonijiet preċedenti tat-takografu.

⁷ Ara l-Artikolu 3(4) u (4)(a) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, kif emendati bir-Regolament (UE) 2020/1054.

L-emenda tal-Artikolu 14 tal-Ftehim li tippermetti l-adeżjoni tal-UE fl-AETR, li kien is-suġġett tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1877, mhijiex affettwata u għalhekk l-UE se tkompli titlob tali emenda.

L-UE spjegat lill-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR f'Ottubru 2020 il-fehmiet preliminari tagħha dwar it-takografu intelliġenti u l-funzjonalitajiet addizzjonali ewlenin. L-UE ppreżentat ukoll il-fehmiet preliminari tagħha dwar id-dati ta' implimentazzjoni tal-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti fil-Ftehim. L-UE kkonfermat li pożizzjoni formali tal-UE għandha tiġi ppreżentata lis-Segretarjat tan-NU/KEE bħala parti mid-diskussjoni li se sseħħ fil-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR fi Frar 2021.

L-ewwel abbozz ta' proposta għall-ispeċifikazzjonijiet tal-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti jista' jiġi ppreżentat fil-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR fi Frar 2021.

5. SOMMARJU TAL-EMENDI PROPOSTI

5.1 Emenda għall-Artikolu 10 biex jirreferi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu intelliġenti

Minħabba li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti se jiġu inklużi bħala Appendiċi 1C ġdid tal-Anness tal-Ftehim, l-Artikolu 10 jenħtieġ li jirreferi għal dawn l-ispeċifikazzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala konformi mar-rekwiżiti tal-Ftehim mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda rilevanti għall-Ftehim.

5.2 Emenda tal-Artikolu 13 biex ikun hemm perjodu ta' tranżizzjoni għall-implimentazzjoni tat-takografu intelliġenti

L-Artikolu 13 jistabbilixxi perjodu ta' tranżizzjoni ta' erba' snin qabel ma l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu jsiru obbligatorji għall-Partijiet Kontraenti għall-AETR. Għall-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti, il-vetturi rreġistrati għall-ewwel darba jenħtieġ li jkunu mgħammra bit-takografu intelliġenti sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025. Il-vetturi użati fit-trasport internazzjonali jenħtieġ li jkunu mgħammra b'takografu intelliġenti sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027.

5.3. Emenda tal-Artikolu 14 li tippermetti l-adeżjoni fl-AETR ta' organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni reġjonali

L-Artikolu 14 jillimita l-possibbiltà li Stati Membri li huma membri tan-NU/KEE jew Stati li huma ammessi fin-NU/KEE f'kapaċità konsultattiva, jissieħbu fl-AETR. Sabiex tkun tista' sseħħ l-adeżjoni tal-UE, l-Artikolu 14 irid jiġi modifikat sabiex l-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni reġjonali jkunu eliġibbli wkoll għall-adeżjoni fil-Ftehim.

5.4 Emenda tal-Artikolu 22 biex tiġi applikata l-proċedura stabbilita f'dak l-Artikolu għall-modifiki għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar it-takografu intelliġenti

Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 22 tal-Ftehim jenħtieġ li tiġi applikata wkoll għall-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti li se tiġi definita fl-Appendiċi 1C ġdid. L-Artikolu 22 *bis* jenħtieġ li jibqa' mhux mibdul fil-Ftehim u se jibqa' applikabbli għat-takografu diġitali.

5.5 L-inklużjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar it-takografu intelliġenti bħala Appendiċi 1C tal-AETR

It-test sħiħ tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-verżjoni 2 tat-takografu intelliġenti jenħtieġ li jkun inkluż fil-Ftehim bħala l-Appendiċi 1C tal-Anness tal-Ftehim. Il-proposta tal-UE għall-Appendiċi 1C se tkun disponibbli fl-2021. Din se tiġi żviluppata abbażi tal-ispeċifikazzjonijiet li kienu ppreżentati f'isem l-Unjoni fit-8 ta' April 2020 (verżjoni 1 tat-takografu intelliġenti) u tal-ispeċifikazzjonijiet tal-UE li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni fl-2021 abbażi tar-Regolament (UE) 2020/1054.

5.6 Modifika fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni sabiex jiġu inklużi approvazzjonijiet għat-takografu intelliġenti u l-komponenti tiegħu

Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni f'Kapitolu III tal-Appendiċi 2 irid jiġi emendat sabiex jinkludi l-Appendiċi 1C, u b'hekk it-takografu intelliġenti, fl-ambitu taċ-ċertifikat.

6. BAŻI ĠURIDIKA

6.1 Bażi ġuridika proċedurali

6.1.1 Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tas-sede jew parti għall-Ftehim⁸.

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti ġuridiċi”* jinkludi atti li jkollhom effetti ġuridiċi skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni”*⁹.

6.1.2 Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1) huwa korp imwaqqaf min-NU/KEE.

L-att li l-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq huwa mitlub jaqbel dwaru qabel l-emendi jiġu ppreżentati lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-adozzjoni skont l-Artikolu 21 tal-Ftehim, jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti fl-isfond tal-ġurisdizzjoni internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 14 tal-AETR.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

⁸ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 64.

⁹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, paragrafu 61 sa 64.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

6.2 Bażi ġuridika sostantiva

6.2.1 Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-għan u fuq il-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

6.2.2 Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv u l-kontenut ewlieni tal-att previst jirrigwardjaw il-politika tat-trasport.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 91.

6.3 Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

7. IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Ikun xieraq li, wara l-adozzjoni tagħhom, l-emendi għall-Ftehim jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-Ħidma ta' Ekwipaġġi ta' Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali bit-Triq (AETR) u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewropew dwar il-Ħidma ta' Ekwipaġġi ta' Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali bit-Triq (AETR)¹⁰ daħal fis-seħħ fil-5 ta' Jannar 1976. Dan ġie emendat l-aħħar fl-20 ta' Settembru 2010.
- (2) Skont l-Artikolu 21 tal-AETR, proposti ta' emendi għall-Ftehim jistgħu jiġu ppreżentati minn kwalunkwe Parti Kontraenti lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Qabel ma jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-proposti, l-ewwel jiġu diskussi fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq ('SC.1') tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE).
- (3) Huwa previst li l-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR, waqt il-25 sessjoni ppjanata tiegħu ta' Frar 2021, u l-SC.1, waqt il-116-il sessjoni ppjanata tiegħu ta' Ottubru 2021, se jiddiskutu l-emendi għall-AETR għall-adozzjoni tat-takografu intelliġenti.
- (4) L-Artikolu 22*bis* tal-AETR jipprevedi li bidliet għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85¹¹ dwar it-takografu diġitali jsiru awtomatikament mill-Partijiet Kontraenti kollha għall-AETR mingħajr ebda konsultazzjoni jew vot formali. In-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-AETR fil-proċess tal-iżvilupp u l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar it-takografu diġitali kien kawża ewlenija ta' diżappunt fost uħud minn dawk il-Partijiet Kontraenti. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi fil-komunikazzjoni tagħha 'Takografu Diġitali: Pjan direzzjonali għal attivitajiet futuri'¹² li dan il-mekkaniżmu jipperikola l-implimentazzjoni korretta u armonizzata tat-takografu diġitali minn Partijiet Kontraenti mhux tal-Unjoni. Huwa

¹⁰ ĠU L 95, 8.4.1978, p. 1.

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8).

¹² COM(2011) 454 final.

għalhekk fl-interess tal-Unjoni li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tat-takografi diġitali jiġi modifikat u li fil-Grupp ta' Esperti tal-AETR tiġi proposta l-applikazzjoni tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 22(1), (2) u (3), għall-inklużjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu intelliġenti fl-AETR. L-Artikolu 22*bis* jenħtieġ li jibqa' fis-seħħ għal emendi futuri possibbli għall-verżjonijiet preċedenti tat-takografu.

- (5) L-Artikolu 10 tal-AETR jipprevedi li takografu li l-kostruzzjoni, l-installazzjoni, l-użu u l-ittestjar tiegħu jitwettqu skont ir-Regolament (KEE) Nru 3821/85 jitqies bħala konformi mar-rekwiżiti tal-AETR. L-Artikolu 10 jenħtieġ li jiġi emendat sabiex jinkludi referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu intelliġenti, li jenħtieġ li jitqies bħala li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-AETR mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Appendiċi 1C tal-Anness tal-AETR.
- (6) Id-data preċiża għall-implimentazzjoni tat-takografu intelliġenti fl-AETR jenħtieġ li tkun stabbilita fl-Artikolu 13 tal-AETR dwar dispożizzjonijiet tranżitorji.
- (7) L-Artikolu 14 tal-AETR ma jippermettix l-adeżjoni ta' korpi oħra għajr l-Istati Membri tan-NU/KEE u l-Istati ammessi fin-NU/KEE f'kapaċità konsultattiva. Għal din ir-raġuni, sabiex tkun tista' ssir adeżjoni tal-Unjoni fl-AETR, l-Artikolu 14 jenħtieġ li jiġi emendat biex jipprovdi għall-adeżjoni ta' organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni reġjonali fl-AETR.
- (8) Hemm diversi argumenti għall-adeżjoni tal-Unjoni fl-AETR. L-ewwel nett, l-Unjoni għandha kompetenza esklussiva fil-qasam tax-xogħol tal-ekwipaġġi tal-vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq, kif ikkonfermat fil-Każ 22/70. It-tieni nett, tali adeżjoni tiggarrantixxi r-rappreżentanza effettiva tal-interessi tal-Unjoni fl-AETR. Fl-aħħar nett, l-ispeċifikitajiet tal-AETR u tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet propost jiġġustifikaw għaliex l-Unjoni jenħtieġ li tkun Parti Kontraenti.
- (9) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu intelliġenti li għandhom jiġu inklużi fl-AETR bħala Appendiċi 1C tal-Anness tiegħu jenħtieġ li jiġu żviluppati abbażi tal-ispeċifikazzjonijiet ippreżentati lill-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR f'isem l-Unjoni fit-8 ta' April 2020 u abbażi tal-ispeċifikazzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni fl-2021 skont ir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³.
- (10) Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għat-takografi diġitali fl-Appendiċi 2, il-Kapitolu III, tal-Anness tal-AETR jenħtieġ li jiġi emendat sabiex ikun jista' jintuża wkoll għall-approvazzjoni tat-takografi intelliġenti u l-komponenti tiegħu.
- (11) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq sabiex tinkiseb armonizzazzjoni pan-Ewropea fil-qasam tal-apparat ta' reġistrazzjoni fit-trasport bit-triq (takografi).

¹³ Ir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 1).

- (12) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR u tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tan-NU/KEE, li jaġixxu b'mod konġunt,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-25 sessjoni tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-Ħidma ta' Ekwipaġġi ta' Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali bit-Triq (AETR) u fil-116-il sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq NU/KEE għandha tkun skont l-emendi proposti għall-AETR kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Jista' jintlaħaq qbil fuq bidliet formali u minuri fil-pożizzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu mingħajr il-ħtieġa li dik il-pożizzjoni tiġi emendata.

Artikolu 2

1. Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Grupp ta' Esperti għall-AETR u tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tan-NU/KEE, li jaġixxu b'mod konġunt.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-emendi proposti lill-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President